**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors numru : 161/2016 AL

A B

Vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti konjugi B kkontrattaw iz-zwieg fit-8 ta' Ottubru tas-sena 1988 (kopja tal-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A) u miz-zwieg taghhom huma kellhom zewgt itfal, Y u K ahwa B, illi twieldu fit-3 ta' Marzu tas-sena 1989 u fit-18 ta' April tas-sena 1995 rispettivament, u li ghalhekk huma t-tnejn maggorenni;
2. Illi l-imsemmija konjugi B kienu infirdu minn xulxin b'sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2006 (Dok. B);

3. Fl-imsemmija sentenza ta' separazzjoni gie dikjarat u ordnat illli l-konjugi kontendenti kienu ddekadew mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jircievu l-manteniment minghand xulxin;
4. Illi l-kontendenti ilhom jghixu mhux flimkien ghal vicin id-dsatax-il sena.
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C, bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Mejju 2006;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.